**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Jannar 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 190/2020 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C D**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 2594/2014)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-disgħa ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (9.9.2014) ġewwa Malta u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt minuri E D, li twieled f'Malta fis-sitta ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (6.9.2014) u F D, li twieldet fil-Bulgaria fid-disgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (09.01.2018)*

[1] Fol. 1.

*(ara Dok. A sa Dok. Ċ rispettivament);*

2. *Illi ż-żwieġ ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba vjolenza domestika, swat, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

3. *Illi l-konvenut għandu l-vizzju tal-alkoħol, konsegwenza ta' liema ikun vjolenti fiżikament u sesswalment fil-konfront tal-esponenti, liema vizzju jwassal għall-inkapaċita' li hu jieħu ħsieb lill-minuri;*

4. *Illi għalhekk il-ħajja konjgali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut;*

5. *Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (ara Dok D hawn anness);*

6. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Tgħid għalhekk l-esponenti għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba vjolenza, swat, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi, kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentament tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;*

2. *Tordna li l-konvenut jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini ta' l-Artikolu/i 154 (1)(a), 154(1)(b), 154(1)(e) u/jew 154(3) tal-Kodiċi Ċivili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;*

3. *Tordna li ż-zewġt ulied minuri jirrisjedu primarjament mal-esponenti; u tordna li l-aċċess tal-konvenut versu l-ulied minuri jiġi sospiż ai termini tal-Artikoli 57(3) tal-Kodiċi Ċivili;*

4. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejn l-esponenti u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti; kif ukoll tawtorizza lill-esponenti tieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni, ħruġ ta' passaporti , safar u l-istat residenzjali tal-imsemmija minuri*

5. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għal-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaq fuq bażi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttamentmis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-mdalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi l-benefiċċji tat-tfal, inkluż ic-children's allowance, kollha;*

6. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa, ħruġ tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudja, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, tordna li dawn l-ispejjeż kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

7. *Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment u/jew ta' spejjeż kollha oħra relatati mal-minuri lill-esponenti; u dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Oħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artiklu 39 tal-Kodiċi Ċivili a favur l-esponenti A B u her minor children E D and F D; u tordna lill-konvenut sabiex ma jressaqx lejhom u/jew ma jikkomunikax magħhom direttament jew indirettament tramite terzi persuni;*

9. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti; tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat ustabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

10. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artiklu 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 ta-Liġijiet ta' Malta;*

11. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli, dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lili prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;*

12. *Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum u ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

13. *Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 565/2020 VZ;*

14. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż kollha u imgħax kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni, inkluż l-ittra tal-medjazzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut ġie debitament notifikat nhar it-18 ta' Novembru 2020,[2] iżda wara li għadda t-terminu ta' għoxrin (20) jum kif konċess lilu ai termini tal-liġi, il-konvenut baqa' ma ppreżentax risposta ġuramentata u għaldaqstant fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021 il-konvenut ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumċja;[3]

Rat id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti għalqet il-medjazzjoni tal-partijiet u awtorizzat lill-partijiet biex jipproċedu b'kawża legali ai termini tat-termini kif imposti mil-liġi;[4]

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 2594 tas-sena 2014;[5]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[6]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[7] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

---

[2] Fol. 24.
[3] Fol. 27.
[4] Fol. 21.
[5] Fol. 15.
[6] Fol. 243.
[7] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021, a fol. 27.

Rat illi l-atti tal-medjazzjoni bin-numru 565/2020 VZ ġew allegati mal-atti tal-proċeduri odjerni;[8]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti tat il-fakolta' liż-żewġ partijiet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomisjonijiet tagħhom,[9] liema fakolta' ma ġietx sfruttata mill-konvenut;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[10]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C D ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħati għat-tifrik taż-żwieġ u tawtorizzaha tgħix separatament minn żewġha;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tordna l-kura u kustodja tal-minuri tkun esklussivament fdata f'idejn l-attriċi, inkluż illi tiddeċiedi dwar is-setgħa tal-ġenitur, ir-residenza tal-minuri u l-aċċess għalihom, filwaqt li tillikwida u tiffissa manteniment adegwat għall-istess minuri,

[8] Fol. 27.
[9] Fol. 241.
[10] Fol. 255.
[11] Fol. 268.

liema manteniment għandu jitħallas mill-konvenut, kif ukoll tordna lill-konvenut sabiex iħallas arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-attriċi li għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi talgħoli tal-ħajja, jinqata' direttament mill-introjtu jew kwalsiasi dħul tal-intimat u konsegwentament jiġi depożitat f'kont indikat mill-attriċi;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tordna li l-beni dotali u/jew parafernali għandhom jiġu restitwiti lill-attriċi fi żmien prefiss;

6. Toħroġ ordni ta' protezzjoni favur l-attriċi u uliedha;

7. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lil konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħufuq l-att ta' diviżjoni;

8. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra s-sentenza kif mogħtija mill-Qorti fir-Reġistru Pubbliku.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumaċja u b'hekk fl-atti ma hemm l-ebda risposta ġuramentata. Barra minnhekk u nonostante li l-Qorti pprovdiet il-fakolta' lil konvenut sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-atti jirriżulta li l-konvenut ma sfruttax tali fakolta'.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha,[12] l-attriċi tispjega illi ltaqgħat ma' żewġha fis-sena 2013. Tispjega li dak iż-żmien, ħabiba tagħha kienet saqsiet lill-attriċi sabiex tieħu ħsieb lil bintha waqt li din tkun xogħol u tgħix ukoll fir-residenza tagħha. Wara ġimagħtejn tieħu ħsieb lil bint il-ħabiba tagħha, l-attriċi ġiet mistoqsija mir-raġel ta' ħabibitha sabiex tiltaqa' ma' ħabib tiegħu u tiżżewġu sabiex huwa jkun jista' jibqa' jgħix Malta. L-attriċi rrifjutat li tagħmel kif qalilha r-raġel ta' ħabibitha, u għalhekk sfat imkeċċija mid-dar ta' ħabibitha u żewġha. Kien proprju hawnhekk li l-attriċi ltaqgħat mal-konvenut, hekk kif dan offrilha li jgħinha, billi jsibilha impjieg u jħalliha tgħix miegħu. L-attriċi tgħid li l-

[12] Fol. 243.

konvenut kien *"very nice, supportive and helpful at that time, however he changed when he got to know that I'm pregnant"*.[13]

Dak iż-żmien il-konvenut kien jaħdem bħala *cleaner* mal-Gozo Channel filwaqt li l-attriċi ma kellha l-ebda impjieg. Iżda ftit taż-żmien wara, il-konvenut tilef ix-xogħol tiegħu u ried lill-attriċi taħdem għalih, u kien għalhekk li laqqa' lill-attriċi ma' ċertu G magħrufa bħala l-*African Queen*. Dakinhar stess, din G laqqgħat lill-attriċi ma' raġel bl-isem ta' H bl-intiża li l-attriċi jkollha rapport sesswali ma' dan ir-raġel għal flus. Sehem l-attriċi mill-flus mħallsa minn H, ħadhom il-konvenut sabiex jixtri l-alkoħol. L-attriċi tispjega li dak iż-żmien il-konvenut kien qed jixrob ħafna u kif ukoll jilgħab il-flus fil-*bars*, u kien jidħol id-dar dejjem tard fis-sakra u aggressiv. Konsegwentament il-konvenut sab impjieg ma' Polidano ġewwa Montecristo, u għalhekk il-partijiet marru jirrisjedu ġewwa Birżebbuġa. Dan iż-żmien ukoll il-konvenut beda jerfa' jdejh fuq l-attriċi u jisforzaha jkollha rapporti intimi miegħu, u dan meta l-attriċi kellha disa' (9) xhur tqala. Nhar is-6 ta' Settembru 2014 twieled l-ewwel wild il-partijiet, u nhar id-9 ta' Settembru 2014 il-partijiet iżżewġu ċivilment.

Wara ftit xhur mit-twelid ta' iben il-partijiet, il-konvenut kien qed ikun ffrustrat illi kien qed ikollu jqum kmieni sabiex imur ix-xogħol, u għalhekk insista li jmorru jgħixu ġewwa *Polidano Residence* Ħal-Farruġ. Għal bidu li l-partijiet marru jirrisjedu Ħal-Farruġ, il-konvenut kien jimxi sew mal-attriċi, u dan bl-intiża li ma jkunx rapportat mill-ġirien li kellu li kienu ukoll jaħdmu mal-istess kumpanija. Madanakollu dan l-aġir inbidel wara ftit ġimgħat, fejn il-konvenut beda jsakkar lill-attriċi ġewwa d-dar ġranet sħaħ, b'konsegwenza li din kienet iżolata minn kullħadd. L-unika darba li kien iħalli l-bieb miftuħ kien meta kien ikun jaf li kienet ġejja I, il-ħabiba tagħhom, b'xi ikel u ħwejjeġ, jew meta kien idaħħal il-paga fejn kien jagħtiha €100 sabiex tonfoqhom għal ikel minngħand il-*Lidl*. Minħabba li l-konvenut kien isakkar lill-attriċi ġewwa, din ma setgħatx saħansitra tixtri mediċina lil binha jew tieħdu għand it-tabib meta kien ikun ma jiflaħx, u jekk kienet issaqsih biex imur hu bih, dan xorta kien jirrifjuta. Fl-istess żmien, il-konvenut dejjem baqa' jiġi lura d-dar fis-sakra tard bil-lejl, irrabjat u aggressiv meta kien jitlef il-flus. Għalkemm f'tali ħin l-attriċi kienet taparsi tkun rieqda hdejn binha, il-konvenut xorta waħda kien iqajjimha, jgħajjarha u jsawwatha quddiem binhom. Kien hemm ukoll drabi fejn kien jisforzaha sabiex ikollha x'taqsam miegħu sesswalment, u dan filwaqt li binhom kien ikun qiegħed fuq is-sodda jibki.

Konsegwentament l-attriċi saret taf li kienet tqila bit-tieni wild tagħhom, u meta l-konvenut sar jaf, huwa kompla jżid fl-abbuż tiegħu. Waqt li kienet tqila fl-2017, l-attriċi tgħid li marret għal btala għand familtha ġewwa l-Bulgarija flimkien ma' binha, fejn il-konvenut kien iċempel lill-attriċi u jgħidilha sabiex tirritorna lura, kif ukoll kien

[13] Fol. 243.

iwiegħda li kien ser jinbidel, li ma kienx qed jixrob iktar u lanqas jilgħab il-flus. It-tieni wild twieldet ġewwa l-Bulgarija nhar id-9 ta' Jannar 2018, u l-attriċi rritornat biż-żewġt itfal f'Mejju 2018 flimkien ma' ommha. Il-konvenut ma kienx qed jerfa' jdejh, imma tgħid li xorta kien hemm drabi fejn kien jirritorna lura d-dar fis-sakra u kien iwaddbilhom biċċiet tal-ħobż. Omm l-attriċi kienet tatha s-somma ta' €1,700 sabiex tixtri vettura, kif ukoll is-somma ta' €380 sabiex tħallas il-liċenzja u l-assigurazzjoni tal-vettura. Għal numru ta' ġimgħat il-konvenut kien qiegħed jitratta lill-attriċi sew. Iżda dan l-aġir ma tantx baqa' fis-seħħ hekk kif il-konvenut beda jagħtiha €120 fix-xahar għall-ikel, *fuel*, mediċina u affarijiet għat-tfal, filwaqt illi *"I remember him telling me that if I don't have any money left, I can drink water, and if I don't want to drink water then he didn't care I can die"*.[14] Barra minn hekk, huwa ma riedx jixtri ħrieqi għal binthom tat-twelid, iżda kien jgħid lill-attriċi biex tgħid lil ommha tgħinha għaliex din ma kienetx ir-responsabbilita' tiegħu. L-attriċi tispjega ukoll li l-konvenut beda jabbuża minnha bħal ma kien jagħmel fil-passat, filwaqt li tirrakkonta li darba fost l-oħrajn irritorna lura mix-xogħol u riedha *"to serve him like a man"*,[15] iżda l-attriċi rrifjutat li tagħmel kif mitluba u per konsegwenza l-konvenut beda jsawwatha u jtiha bis-sieq waqt li kien libes *safety shoes*.

L-attriċi ssemmi episodji oħra fejn il-konvenut kien ikun vjolenti u abbużiv fil-konfont tagħha, kemm fiżikament, finanzjarjament kif ukoll sesswalment. Kien għalhekk li l-attriċi qaxxret xagħarha minħabba l-ġrieħi li soffriet f'rasha mid-daqqiet tiegħu. L-argumenti komplew jeskalaw hekk kif il-konvenut beda jħalli lill-attriċi bla flus sabiex tixtri l-bżonnijiet bażiċi għat-tfal. Wara episodju partikolari fejn il-konvenut qabad lill-attriċi minn għonqha u beda jifgaha, hija rat li l-konvenut ħalla mas-serratura ċ-ċwievet tad-dar, u din dlonk ħadithom u fil-mument opportun telqet mid-dar bil-moħbi tal-konvenut fejn baqgħat sejra ġewwa Għassa tal-Pulizija.

Sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

*a.* <u>*Ix-xhieda ta' Abigail Cassar PC 2222 in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,</u>[16] fejn ippreżentat:

   i. Rapport datat 13 ta' Ġunju 2020 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut dwar kwistjoni li seħħet dakinhar stess,[17] fejn ġie rappurtat episodju ta' vjolenza domestika, fejn il-konvenut refa' jdejh fuq l-attriċi wara li rrifjutat li jkollha rapport sesswali miegħu f'nofs ta' lejl. Meta mistoqsija jekk din kienetx l-ewwel darba li l-konvenut refa' jdejh fuqha, l-attriċi rrispondiet li

[14] Fol. 245.
[15] *Ibid.*
[16] Fol. 110.
[17] Fol.113.

wara ftit li żżewġu huwa beda jsawwatha, jinsulentaha verbalment u ġieli kellu relazzjoni sesswali magħha mingħajr il-kunsens tagħha, fejn l-attriċi in korraborazzjoni ma' dak allegat minnha, eżebiet numru ta' ritratti ta' episodji vjolenti li seħħew qabel. Magħdud ma' dan, l-attriċi spjegat li hija qatt ma rrappurtat għaliex kienet tibża' minn żewġha hekk kif dan tal-aħħar kien jheddidha illi jekk tazzarda tagħmel rapport lil Pulizija kien joqtolha, filwaqt li kien itambrilha li peress li hija persuna ta' nazzjonalita' barranija ma kienetx ser issib għajnuna mill-awtoritajiet. Barra minn hekk, l-attriċi tgħid ukoll li żewġha kien isakkarha ġewwa r-residenza tagħhom u jitfi l-internet sabiex ma jkollha kuntatt ma' ħadd, iżda dakinhar li għamlet ir-rapport inzerta li nesa ċ-ċavetta mal-bieb u setgħat toħroġ. Kien għalhekk li sar *risk assessment* b'riżultat ta' *high risk* u konsegwentament il-konvenut ġie arrestat u nżamm detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

ii. *Risk Assessment* dwar Vjolenza Domestika mħejji nhar it-13 ta' Ġunju 2020, fejn irriżulta li hemm *high risk* minħabba s-segwenti fatturi: (a) *escalation,* (b) *fear,* (c) *substance of alcohol and drugs,* (d) *threats to kill,* (e) *history of child abuse,* (f) *jealousy and cohersve abuse,* (g) *separation,* (h) *strangulation,* (i) *isolation,* (j) *sexual assault – forcing himself*;[18]

iii. Ċertifikat Mediku datat 13 ta' Ġunju 2020 maħruġ mill-Kura Primarja tal-Furjana, fejn l-attriċi ġiet ċertifikata li sofriet minn ġrieħi estensivi;[19]

iv. Fedina Penali tal-konvenut li sad-data tax-xhieda u ċH' 10 ta' Diċembru 2021 kienet għadha netta;[20]

v. Akkużi fil-konfront tal-konvenut maħruġa nhar it-3 ta' Lulju 2020;[21]

b. *Ix-xhieda ta' Daniela Varbanova in rappreżentanza tas-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ,*[22] fejn ikkonfermat ili l-attriċi ġiet in kuntatt tal-Aġenzija nhar it-13 ta' Ġunju 2020 u dan in segwitu ta' *risk assessment*. Ix-xhud ippreżentat notamenti tagħha dwar il-każ tal-attriċi,[23] fejn jidher illi wara li sar ir-*risk assessment* l-attriċi ġiet riferuta u ammessa ġewwa *shelter* nhar is-17 ta' Ġunju 2020, iżda in vista tal-fatt li *"A has suffered a lot of abuse in her childhood and she relly needs to work on herself. For this reason, on the 26th August 2020 she terminated from Għabex and was admitted to a second stage shelter"*;

[18] Fol. 117.
[19] Fol. 132.
[20] Fol. 133.
[21] Fol. 134.
[22] Fol. 110.
[23] Fol. 16.

c. *Ix-xhieda ta' Yvonne Fiorini Lowell in rappreżentanza tal-Għabex,*[24] fejn ippreżentat dokument li jagħti rendikont ta' dak kollu li għaddiet minnu l-attriċi, kif ukoll l-emozzjonijiet tal-attriċi nnifisha waqt l-*intake session*;[25]

d. *Numru ta' ritratti li juru l-vjolenza fiżika pperpetrata fuq il-persuna tal-attriċi*;[26]

e. *L-ordni ta' protezzjoni tal-10 ta' Lulju 2020*,[27] kontra C D a favur A B.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Il-Qorti tara li l-konvenut huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern. Minkejja d-dritt li tiġi ppreżentata nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenut naqas milli jippreżenta din in-nota ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[28] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

[24] Fol. 110.
[25] Fol. 139.
[26] Atti tal-Medjazzjoni bin-numru 565/2020 VZ.
[27] *Ibid.*
[28] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[29] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[30] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[31] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[32] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[33]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[34]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Jidher li l-partijiet iżżewġu nhar id-9 ta' Settembru 2014, minn liema żwieġ għandhom żewġt (2) itfal, ċH' E u F, aħwa D. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-konvenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba l-vizzju tal-alkoħol tal-konvenut, liema vizzju jwassal lill-istess konvenut sabiex ikun vjolenti fiżikament u sesswalment fil-konfront tagħha, liema kwistjonijiet skont l-attriċi

---

[29]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[30]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[31]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[32]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[33]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[34]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

taw lok għal separazzjoni personali abbażi ta' dawk il-kriterji elenkati f'Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija tara li numru ta' allegazzjonijiet ma ġewx minimament ippruvati, ċH': (i) il-fatt li meta l-konvenut ma kellux impjeg, huwa kien bagħat lill-attriċi għal prostituzzjoni, (ii) il-vizzju tal-alkoħol tal-konvenut, (iii) il-vizzju tal-logħob tal-flus tal-konvenut, (iv) in-nuqqas ta' flus f'idejn l-attriċi, u (v) li l-attriċi kienet tkun imsakkra ġewwa darha. Il-Qorti tara li l-provi mresqa mill-attriċi jirrivolvu mal-kwistjoni li nqalgħat nhar it-13 ta' Ġunju 2020, u għahekk il-Qorti kienet tippretendi li l-attriċi tressaq ukoll provi oħra kruċjali, *inter alia,* ix-xhieda ta' ċertu I li tissemma fl-affidavit tal-attriċi li allegatament kienet taf perfettament dwar il-fatt li l-attriċi kienet tkun imsakkra, bla flus, u maħqura mill-konvenut, kif ukoll ix-xhieda ta' omm l-attriċi, għal konferma tal-fatti kif irrakontati minn bintha. Minkejja dan, il-Qorti tara ukoll illi l-verżjoni tal-attriċi ma ġietx kontradetta u dan minħaba nuqqas ta' volonta' da parti l-konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti meta rinfaċċjata bil-verżjoni mhux kontradetta tal-attriċi, kif ukoll provi li jistabbilixxu illi l-konvenut huwa bniedem aggressiv u vjolenti, il-Qorti ma tistgħax ma temminx lill-attriċi. Il-Qorti tħoss illi madanakollu għandha tissottolineja illi rigward il-vjolenza pperpetrata mill-konvenut, l-attriċi resqet provi rigward att wieħed li seħħ nhar it-13 ta' Ġunju 2020, hekk kif l-attriċi ppreżentat rapport wieħed, ċertifikat mediku wieħed, u ritratti ta' ġrieħi bla data. Il-Qorti rat ukoll illi l-attriċi stqarret mal-Pulizija li din ma kienetx l-ewwel darba li l-konvenut kien vjolenti magħha, u li beżgħat tirrappurtah qabel. Tenut kont tal-fattispeċji partikolari tal-każ odjern, il-Qorti tħossha moralment konvinta illi l-attriċi verament sfat vittma ta' moħqrija u vjolenza, u dan jingħad anke in vista tad-dokumenti ppreżentati mix-xhieda Daniela Varbanova u Yvonne Fiorini Lowell, fejn ġie kkonfermat: *"There had been moments when Ms Gahina was extremely fearful of Mr D's possible release from prison, due to the change in her tone of voice and since Ms Gahina used to shake whilst trying to articulate how she feels about the latter",*[35] u *"A was extremely emotional during this session. She cried especially when explaining how isolated she felt and how she hardly spoke to anyone for 6 years".*[36]

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod

[35] Fol. 137.
[36] Fol. 139.

irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-konvenut ħati ta' moħqrija, vjolenza domestika u nġurji gravi.

## 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ minħabba moħqrija, vjolenza domestika u nġurji gravi. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi u l-fattispeċji partikolari tal-każ in eżami, il-Qorti tara li għandha tilqa' t-talba tal-attriċi f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Manteniment għall-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ u ġialadarba l-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili l-konvenut ma għandu l-ebda dritt għal manteniment minn għand l-attriċi. Madanakollu u min-naħa l-oħra, ġialadarba l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-konvenut, l-attriċi jibqala' l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[37]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi resqet biss ix-xhieda

[37] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

tar-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ta' Polidano Group sabiex jixhdu dwar l-introjtu tal-konvenut. Madanakollu l-attriċi naqset milli tressaq dik il-prova dwar id-dħul tagħha, kif ukoll il-prova dwar ir-raġuni suffiċjenti għal tali pretensjoni.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fil-preżent, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) l-attriċi għad għandha 31 sena u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li għadha tinsab f'eta' li tista' ssib xogħol u tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) mill-atti ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem, u (iii) matul il-kawża odjerna, l-attriċi qatt ma resqet talba sabiex *pendente lite* tingħata manteniment għaliha nnifisha u b'hekk dan jistabbilixxi li b'xi mod l-attriċi għandha xi forma ta' introjtu u/jew hija finanzjarjament indipendenti.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu żewġt itfal, ossija E D u F D.[38] Dan ifisser illi fil-preżent, il-minuri E D għandu tmien (8) snin, filwaqt li F D għandha ħames (5) snin, u b'hek it-tnejn li huma għadhom minorenni.

*Sitwazzjoni Pendente Lite dwar il-Minuri*

i. Digriet tal-10 ta' Lulju 2020,[39] fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attriċi, ossija: (i) il-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, (ii) l-attriċi hija awtorizzata tieħu kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri , (iii) l-attriċi hija awtorizzata sabiex tagħmel dawk l-arranġamenti meħtieġa dwar il-ħruġ tal-karta tal-identita' Maltija tal-minuri, kif ukoll ir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' F D mingħajr il-kunsens tal-konvenut, (iv) il-minuri għandhom jirrisjedu flimkien mal-attriċi, (v) l-aċċess tal-konvenut versu uliedu ikunu sospiż ai termini tal-Artikolu 57 subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili, (vi) l-attriċi hija awtorizzata tirċievi *children*

[38] Fol. 16 – 20.
[39] Atti tal-Medjazzjoni bin-numru 565/2020 VZ.

*allowance* u kull benefiċċju ieħor għan-nom tal-minuri, (vii) l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni abbażi tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili a favur l-attriċi u uliedha minuri filwaqt li l-konvenut huwa prekluż milli jikkomunika magħhom b'mod dirett u indirett tramite terzi persuni;

ii. Digriet tal-14 ta' Lulju 2021,[40] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut C D u ordnat lill-Aġenzija Appoġġ biex takkorda aċċess taħt superviżjoni lill-missier għall-minuri, u dan għal darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs, proprju fil-ġranet, ħin u post kif iddeterminat mill-istess Aġenzija;

iii. Digriet datat 17 ta' Frar 2022,[41] fejn il-Qorti ordnat: (i) sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' €600 fix-xahar bħala manteniment għaż-żewġ minuri, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri, u dan b'effett minn Awwissu 2020, (ii) dan il-manteniment għandu jitħallas lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha, (iii) li l-attriċi tirċievi ċ-*children allowance*, (iv) li l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, (v) li l-*employer* tal-konvenut jew id-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, skont il-każ, jgħaddi dan il-manteniment direttament mill-introjtu jew benefiċċji li jirċievi jew jipperċepixxi l-konvenut, u jitħallsu direttament lill-attriċi;

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[42] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[43] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si*

[40] Fol. 67.
[41] Fol. 162.
[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazzjoni Numru: 2668/1996/2RCP.
[43] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[44] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[45] illi*"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċH' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[46] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[47] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>setgħa tal-ġenitur</u>, il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat *"Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri".* Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

[44] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[45] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[46] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[47] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieb tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jiġu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu,*

*jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċH' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiż 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri fil-preżent hija fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-konvenut qiegħed jeżerċita d-dritt ta' aċċess darba fil-ġimgħa taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija tikkontendi illi *"hija għandha tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri kemm fl-aħjar interess tal-minuri u anke minħabba evidenza ta' kontroll eċċessiva u vjolenza domestika kommessa mill-intimat fil-konfront tagħha kif spjegat aħjar aktar 'l fuq. In oltre, tul is-smiegħ tal-kawża odjerna ħareġ biċ-ċar kemm l-intimat m'għandu l-ebda interess f'uliedu jew li jerfa' r-responsabbilita' tat-tfal tant illi la ppreżenta risposta għar-rikors tal-esponenti datat 23 ta' Ġunju 2020 u qatt ma talab ir-revoka ta' din it-talba, apparti l-fatt li huwa lanqas ma ppreżenta risposta ġuramentata jew kontro-talba. Fil-mori tal-proċeduri, l-intimat naqas ukoll milli jieħu interess fit-trobbija tal-minuri u/jew li jmantnihom, li l-esponenti issa ilha għal dawn l-aħħar sentejn tieħu ħsieb lit-tfal waħidha mingħajr ebda għajnuna da parti tal-intimat. L-attriċi ħadet ħsieb ukoll li tieħu lill-minuri għall-appuntamenti kollha tiegħu, l-aktar dawk mediċi u terapewtiċi. Kif jidher mill-akkużi li ppreżentaw il-pulizija, l-intimat huwa akkużat bir-reat ta' stupru ai termini tal-Artikolu 198 talKodiċi Kriminali, li jaqa' taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. L-intimat għadu għaddej b'dawn il-proċeduri quddiem il-Qrati Kriminali u qiegħed jistenna li l-każ jinstema quddiem il-Qorti Kriminali. In vista ta' dan, l-attriċi hija tal-umli fehma li l-intimat għandha titneħilu s-setgħa tal-ġenitur tenut kont in-nuqqasijiet tiegħu versu uliedu, filwaqt li l-attriċi tiġi fdata l-kura u kustodja esklussiva u tiġi awtorizzata tieu kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-minuri, inkluż iżda mhux limitatament għal dawk id-deċiżjonijiet relatati*

*mal-permessi tar-residenza, mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari u ħruġ u tiġdid tal-passaporti tal-minuri, fost oħrajn".*[48]

Barra minn hekk, l-attriċi tikkontendi ulterjorament illi *"L-attriċi qatt ma kellha oġġezzjoni li l-intimat ikollu aċċess għall-minuri avolja kien qed ikissirha kull darba li jieħu lit-tfal għall-aċċess għax huwa kien joqgħod jipprova jimmanipula lit-tfal kontra l-esponenti billi jixtrilhom l-ikel u rigali mhux essenzjali. Hija xorta waħda baqgħet tikkoopera miegħu teħodhom għall-aċċess u żżomm kuntatt mas-supervisors. Madanakollu, ftit tax-xhur ilu, l-intimat beda jnaqqas milli jmur għall-aċċess u anke s-supervisors informaw lill-esponenti li l-attitudni tiegħu qed tkun waħda aggressive, il-ħin kollu jgħid u jmaqdar lill-uliedu stess u anke jikkonfronta lis-supervisors li ftit tal-ġimgħat ilu informawha li se jdaħlu rapport il-Qorti dwar l-imġieba tal-intimat u kif din qed taffettwa lit-tfal. In oltre, l-esponenti tikkontendi li minħabba l-abbuż serju li kienet għaddejja minnu li għalih il-minuri kienu preżenti, u if ukoll il-ħsara li għamel lill-minuri billi ħallihom neqsin minn affarijiet essenzjali bħal mediċina u ikel, dawn huma raġunijiet gravi u suffiċjenti sabiex l-intimat ma jkollux aċċess versu uliedu ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kodiċi Ċivili. Fid-dawl tas-suespost, lattriċi hija tal-umli opinjoni li l-aċċess għall-minuri għandu jkun sospiż. Fil-frattemp l-intimat għandu jingħata terapija għall-atttudni aggressive tiegħu, anke tenut kont l-akkużi li jinstab akkużat għalihom u jattendi għal parental course sabiex jifhem l-importanza li jerfa' r-responsabilitajiet kollha tiegħu bħala missier. F'każ li l-intimat juri xi forma ta' interess f'dan, l-esponenti m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-intimat ikompli jara lill-minuri taħt superviżjoni wara li jsir assessjar appożitu minn professjonisti, filwaqt li l-aċċess għandu jerġa' jibda biss fuq rakkomandazzjonijiet ta' l-istess professjonisti".*[49]

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true*

[48] Fol. 262.
[49] Fol. 263, 264.

*or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Minn konsiderazzjoni tal-atti, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi kienet l-attriċi li dejjem ħadet ħsieb lill-minuri u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha. Il-Qorti taqbel pjenament mal-ħsibijiet tal-attriċi li l-konvenut ma tantx wera interess f'uliedu u t-trobbija tagħhom, hekk kif huwa naqas milli jippreżenta risposta ġuramentata, jintavola kontrotalba, jew *se mai,* jintavola rikors *pendente lite* għal kawża sabiex jattakka d-digriet tal-10 ta' Lulju 2020 dwar il-kura, kustodja, deċiżjonijet, ordni ta' protezzjoni, residenza. L-unika ħaġa li għamel il-konvenut huwa proprju li talab li jeżerċita d-dritt tiegħu għall-aċċess ma' uliedu, liema dritt ġew konċess lilu permezz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2021, u għalhekk jidher li huwa ma għandu l-ebda problema dwar kif inhuma l-affarijiet fil-preżent. Għalhekk jidher li bħal donnu, il-partijiet u fuq kollox il-minuri daħlu f'rutina li qiegħda taħdem. Madanakollu l-Qorti ma tistgħax taħbi l-preokkupazzjoni tagħha b'dak rilevat mix-xhud Yvonne Fiorini Lowell fid-dokument ippreżentat minnha, fejn ġie ddikjarat *"Throughout her stay at Għabex we were very concerned about the way she presented herself and her attachment towards E. There were allegations from other residents regarding the physical abuse she was inflicting on E. Staff also observed various bruises on E. Every time this happened the incidents would be reported to CPS social worker Jillian Spiteri".*[50] Fir-rigward ta' dawn l-allegazzjonijiet ma tresqu l-ebda provi, b'mod partikolri bix-xhieda tal-imsemmija Jillian Spiteri.

Għalhekk u tenut kont tal-premess, il-Qorti tasal għal konklużjoni illi ma jkunx fl-interess tal-minuri illi tiddisturba dak li ilu viġenti għal dawn l-aħħar sentejn, u minkejja l-fattispeċji partikolari tal-każ in eżami kif ukoll tal-allegazzjonijiet vvantati, hija tal-fehma li jkun fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tagħha tibqa' fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandhom jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Madanakollu u f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-Qorti ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna ulterjorament sabiex: (i) l-attriċi tingħata l-għajnuna neċessarja mill-awtoritajiet kompetenti sabiex titgħallem tikkontrolla l-biża' u t-trawmiet passati tagħha, kif ukoll *parental skills* sabiex tkun f'pożizzjoni aħjar li trabbi lil uliedha, kif ukoll (ii) din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur għall-Ħarsien

[50] Fol. 141.

tat-Tfal, sabiex anke jekk l-allegazzjonijiet imsemmija ma ġewx ippruvati, huwa jkun koxxenti tal-istess u jekk ikun il-każ jieħu l-azzjoni neċessarji f'każ li l-allegazzjonijiet imsemmija għandhom mis-sewwa u dan skont il-poteri u l-funzjonijiet li tagħtih il-liġi tramite l-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara li l-attriċi resqet ukoll talba sabiex il-konvenut jiġi żvestit mis-setgħa tal-ġenitur u kif ukoll li tkun awtorizzata tieħu dawk id-deċiżjonijiet rigwardanti l-minuri waħedha. Mill-provi mresqa, il-Qorti hija tal-fehma illi fil-fatt hemm lok li jiġu applikati subinċiż 1(a), (b) u (e), u 3 tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante l-aġir tal-konvenut mal-attriċi, kif ukoll fil-konfront ta' uliedu. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Luke Anthony Cauchi vs L-Avukat Benjamin Valenzia et noe**,[51] fejn il-Qorti saħqet illi:

*"mil-liġi wieħed jista' faċilment jiddeduċi illi ċ-ċaħda tal-awtorita' tal-ġenitur għandha titqies bħala l-eċċezzjoni għar-regola, u b'hekk sabiex talba ta' din in-natura tiġi akkolta jenħtieġ raġunijiet ferm gravi u serji. Fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' se mai tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta".*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti qiegħda tinvoka u tapplika Artikolu 154 subinċiz (1)(a), (b) u (e) u (3) tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenut hekk kif il-Qorti tinsab tal-fehma li jeżistu raġunijiet ferm gravi u serji fejn il-konvenut għandu jiġi żvestit *in toto* mis-setgħa tal-ġenitur filwaqt li din is-setgħa għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, u dan ġialadarba l-interess tal-minuri hekk jirrikjedi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenut jibqa' jkollu xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' se mai tista' tintuża fil-futur sabiex jieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attriċi u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kienet biss l-istess attriċi li ħadet ħsieb lill-minuri. Dan konsegwentament ifisser illi l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċH' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attriċi permezz ta' tali sentenza għandha l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut, hija għandha tieħu dawk id-deċiżjonijiet versu l-minuri. L-istess

[51] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-7 ta' Jannar 2021, mhux appellata.

għandu japplika fir-rigward tal-passaporti tal-minuri, fejn l-attriċi qiegħda tiġi ukoll awtorizzata illi tapplika jew iġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenut, b'dana illi l-istess passaporti għandhom jinżammu dejjem u biss fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward ta' aċċess, *"din il-Qorti tibda biex tagħmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli".*[52] Għalhekk u tenut tas-suespost, il-Qorti tara li għandha l-obbligu li tipprovdi l-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward ukoll, f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri.

Fil-każ odjern, il-Qorti tara li l-attriċi tippretendi illi l-aċċess jiġi sospiż u dan stante allegata ċertu attitudni da parti l-konvenut. Il-Qorti tara illi skont l-aħħar nota da parti l-Aġenzija Appoġġ datat 29 ta' Marzu 2022, ġie konkluż u rrakkomandat illi *"l-aċċess bejn is-Sinjur D u l-minuri E u F ġeneralment ikun ta' natura pożttiva. Apparti minn hekk, is-Sinjur D esprima x-xewqa li jibda jkollu aċċess fuq barra u b'aktar ħin. Min naħa tagħha, is-Sinjura A ma ssibx oġġezzjoni li s-Sinjur D jkollu aċċess fuq barra dment li uliedha u hi jkunu siguri. Għaldaqstant, il-ħaddiem soċjali huwa tal-umli fehma li: 1. L-aċċess bejn is-Sinjur D u l-minuri E u F jibda jseħħ barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ, 2. Wara tlett xhur mid-data li din l-Onorabbli Qorti tagħżel li tagħmel dawn ir-rakomandazzjonijiet tagħha, l-aċċess bejn is-Sinjur D u uliedu jerġa' jiġi rivedut".* Sussegwentement, giet ipprezentata nota oħra mid-direttorat għall-Harsien tat-Tfal fis-16 ta' Jannar 2023 u l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha. Fid-dawl tas-suespost u fin-nuqqas ta' struzzjoni illi l-aċċess għandu jiġi sospiż, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Aġenzija Appoġġ għandha tkompli takkorda aċċess taħt superviżjoni lill-missier għall-minuri, u dan għal darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn kull darba, proprju fil-ġranet, ħin u post kif iddeterminat mill-istess Aġenzija, liema post jista' jkun ukoll barra mill-bini mill-Aġenzija Appoġġ. Dan l-aċċess jibqa' jseħħ fuq bażi ta' supervizjoni għal tlett (3) xhur. F'kaz li l-konvenut ma jibqax isemmi lill-attrici fin-negattiv u ma jibqax igħid affarijiet lill-minuri li jista jkollhom impatt negattiv fuqhom, il-modalita` tal-aċċess terġa jiġi riveduta mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal.

[52] Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

Magħdud mal-premess u ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħix mal-attriċi, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. L-attriċi tikkontendi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi *"tenut kont li mill-provi prodotti quddiem din l-Onorabbli Qorti ma jirriżulta l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet, l-attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tagħha li l-manteniment ikun fl-ammont ta' €600 kull xahar, liema manteniment għandu jinkludi nofs l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari".*[53] Il-Qorti tara ukoll li fil-preżent jinsab *in vigore* digriet *pendente lite* fejn il-konvenut huwa ordnat iħallas issomma ta' €600 għaż-żewġ minuri kull xahar, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Meta *si tratta* manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċH' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[54] u **F Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[55] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **MicheA Bezzina vs Julian Bezzina**,[56] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[57]". ".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx din il-provi surreferiti u għalhekk fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tinsab marbuta dwar kemm għandu jkun il-manteniment vversat mill-intimat. Għalhekk tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll mitt Ewro (€100) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €300 kull xahar għal kull minuri, u b'hekk is-somma globali ta' sitt mitt Ewro (€600) fix-xahar, liema manteniment

[53] Fol. 265.
[54] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[55] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[56] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[57] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, jinqata' direttament mill-introjtu jew benefiċċju li jipperċepixxi l-konvenut u konsegwentament għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jew min minnhom jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

Fir-rigward ta' arretrati, il-Qorti tara li l-attriċi resqet talba f'dan is-sens stante li skontha l-konvenut naqas milli jħallas il-manteniment kif ordnat *pendente lite*. Fil-fatt il-Qorti tara li fl-affidavit tagħha, l-attriċi saħqet *"although a court decree was issued in February 2022, he still did not send me any maintenance that I had to inform his employer to transfer the maintenance via bank account. However, his employer did not transfer the maintenance that I had to file a police report hoping that he gives the maintenance"*,[58] u konsegwentament fin-nota ta' sottomissjonijiet kompliet illi l-konvenut *"qatt m'għadda manteniment għall-minuri ħlief waqt l-aċċess għadda madwar €350 b'kollox minn Settembru 2021 u xi rigali mhux neċessarji"*.[59] Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha dwar l-inadempjenza tal-konvenut sabiex iħallas il-manteniment, l-attriċi ppreżentat rapport li hija għamlet mal-Pulizija, liema rapport huwa datat 6 ta' Lulju 2022 fejn irrapportat illi ma sar l-ebda pagament minn Diċembru 2021 sa dakinhar li sar ir-rapport.[60] Min-naħa l-oħra, il-konvenut minkejja kull opportunita' li jinnega tali allegazzjoni u kif ukoll jiġġustifika tali sitwazzjoni, huwa għażel li ma jikkontradixxix il-verżjoni tal-attriċi. Għalhekk minn tali provi, il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex ma temminx il-verżjoni tal-attriċi u b'hekk tara li t-talba tal-attriċi hija ġustifikata u tara li hemm lok illi l-Qorti tordna lil konvenut sabiex iħallas arretrati. Għalhekk skont il-kalkoli minn Awwissu 2020 sal-preżent, il-konvenut kellu jħallas lill-attriċi s-somma komplessiva ta' €18,000.[61] Għalhekk, il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €17,650 lill-attriċi.

## 6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, u l-Beni Parafernali u Dotali tal-Partijiet:

[58] Fol. 247
[59] Fol. 265.
[60] Fol. 248.
[61] €600 għal 30 darba.

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar id-9 ta' Settembru 2014, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

*Fir-rigward il-fond matrimonjali*, il-Qorti tara li ma jidhirx li l-fond jew kamra li fiha kienu jabitaw il-partijiet tappartjeni lilhom, u għalhekk għal kull buon fini il-Qorti tordna li tali fond, ossija *"Polidano Residence, Room 208, Triq Ħal-Farruġ, Luqa"* ma jibqgħax iservi bħala l-fond matrimonjali tal-partijiet.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara li:

i. *Mix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[62] fejn iddikjarat illi ma sabet l-ebda kont bankarju fuq isem l-attriċi, filwaqt li fuq isem il-konvenut sabet kont bankarju wieħed bin-numru 064105265050 bħala *savings account*, li ġie miftuħ nhar it-13 ta' Jannar 2012 u ngħalaq fit-8 ta' Ottubru 2014;[63]

ii. *Mix-xhieda ta' Patrizia Salerno in rappreżentanza ta' APS Bank*,[64] fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kont bankarju fuq isem l-attriċi;

iii. *Mix-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji in rappreżentanza ta' APS Bank*,[65] fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kont bankarju fuq isem il-konvenut;

iv. *Mix-xhieda ta' Katia Vella in rappreżentanza ta' BNF Bank*,[66] fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kont bankarju fuq isem l-attriċi;

v. *Mix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*,[67] fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kont bankarju fuq isem l-attriċi kif ukoll fuq isem il-konvenut.

[62] Fol. 35, 97.
[63] Fol. 99 – 106.
[64] Fol. 35.
[65] Fol. 97.
[66] Fol. 35.
[67] Fol. 35, 97.

Għalhekk jidher li hemm biss kont bankarju wieħed f'isem l-attriċi. Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih.

*Rigward il-vettura*, tat-tip Mitsubishi Colt bin-numru ta' reġistrazzjoni IBQ-742 reġistrata fuq isem l-attriċi,[68] din għandha tibqa' assenjata fuq isem l-attriċi.

*Rigward kwalsiasi dejn li sar fiż-żwieġ*, il-Qorti tordna li dan għandu jiġi assenjat lil konvenut.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawża odjerna ma tresqet l-ebda prova ta' dan. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta din it-talba.

**7. Ordni ta' Protezzjoni a favur l-Attriċi u l-Familja Immedjata Tagħha:**

L-attriċi titlob il-protezzjoni tal-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti wara li rat il-provi kollha, b'mod partikolari l-affidavit tal-attriċi, ix-xhieda u l-akkużi ppreżentati minn Abigail Cassar PC 2222 in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ix-xhieda u d-dokumeni esebiti mis-social worker Daniela Varbanova in rapprezentanza tad-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u x-xhieda u n-notamenti ta' Yvonne Fiorini Lowell in rappreżentanza ta' Għabex, waslet għal konklużjoni li l-konvenut huwa bniedem aggressiv u vjolenti, u l-attriċi tinsab mbeżża' mill-istess konvenut. In vista ta' dan, il-Qorti tara li għas-serħan il-moħħ u l-protezzjoni tal-attriċi u l-familjari tagħha, fiċ-ċirkostanzi huwa idoneju illi jiġi applikat l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qiegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fejn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ordni maħruġa minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant il-Qorti permezz ta' digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza, qiegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra C D a favur A B, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 141704A u ta' uliedha, u dan taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

[68] Fol. 38.

i. Tipprojbixxi lil C D milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' A B u uliedha, għajr li C D jista' javviċina biss lil ulied A B fil-mument li jkun qiegħed jeżerċita d-dritt ta' aċċess;

ii. Tipprojbixxi lil C D milli jikkuntattja b'kull mod, inkluz bil-mezzi eletroniċi, lil A B u uliedha, u tordnalu sabiex izomm distanza ta' mhux anqas minn kilometru mill-fond fejn jirrisjedu, tal-post tax-xogħol u/jew l-iskola ta' uliedha, u f'distanza ta' mhux anqas minn mitejn metru (200m) kull fejn tkun tinstab A B u uliedha, għajr li dan ma għandux japplika fil-konfront ta' ulied A B fil-mument li C D ikun qiegħed jeżerċita d-dritt ta' aċċess;

iii. Tipprojbixxi lil C D milli b'kull mod, inkluż bil-mezzi eletroniċi, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil A B u uliedha;

iv. Din l-Ordni ta' Protezzjoni qed tingħata effett immedjat u tibqa' fis-seħħ għal ħames (5) snin, liema żmien jista' jiġi ridott jew estiż għal perjodi ulterjuri ai termini tal-Artikolu 412(Ċ)(9) tal-Kodiċi Kriminali;

v. Jekk mingħajr raġuni valida C D jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu permezz ta' din l-Ordni ta' Protezzjoni, jista', jekk jinstab ħati, jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma;

vi. Kopja ta' din l-Ordni għandha tiġi notifikata lil C D a kariku ta' A B, bil-mezz tal-purtier u jekk ikun hemm bżonn wara l-ħinijiet legali.

vii. Is-sentenza ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa llum kontra C D għandhom jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba moħqrija vjolenza u nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, attribwibbli unikament lil konvenut, u dan filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn żewġha;

2. Tilqa' it-tieni talba, u tordna li l-konvenut jiġi żvestit *in toto* mis-setgħa ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 subinċiż 1(a), (b) u (e), u 3 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tordna li l-minuri għandhom jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, filwaqt li tiċħad dik il-parti tat-talba rigward is-sospensjoni tal-aċċess u minnflok tordna lill-Aġenzija Appoġġ sabiex tkompli takkorda aċċess taħt superviżjoni lill-missier għall-minuri, u dan għal darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn, proprju fil-ġranet, ħin u post kif iddeterminat mill-istess Aġenzija, liema post jista' jkun ukoll barra mill-bini mill-Aġenzija Appoġġ;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna ulterjorament sabiex fl-istess waqt: (i) l-attriċi tingħata l-għajnuna neċessarja mill-awtoritajiet kompetenti sabiex titgħallem tikkontrolla l-biża' u t-trawmiet passati tagħha, kif ukoll *parental skills* sabiex tkun f'pożizzjoni aħjar li trabbi lil uliedha, kif ukoll (ii) din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, sabiex anke jekk l-allegazzjonijiet imsemmija ma ġewx ippruvati, huwa jkun koxxenti tal-istess u jekk ikun il-każ jieħu l-azzjoni neċessarji f'każ li l-allegazzjonijiet imsemmija għandhom mis-sewwa u dan skont il-poteri u l-funzjonijiet li tagħtih il-liġi tramite Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tilqa' limitatament il-ħames talba u dan fir-rigward tal-minuri, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll mitt Ewro (€100) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €300 kull xahar għal kull minuri, u b'hekk is-somma globali ta' sitt mitt Ewro (€600) fix-xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, jinqata' direttament mill-introjtu jew benefiċċju li jipperċepixxi l-konvenut u konsegwentament għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jew min minnhom jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jmorru

jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom; tiċħad it-talba għal manteniment għall-attriċi;

6. Tilqa' limitatament is-sitt talba u dan fir-rigward li l-ispejjeż tal-minuri jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment kif likwidat, filwaqt li tiċħad il-bqija tat-talba;

7. Tilqa' is-seba' talba u tordna lil konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, fl-ammont ta' sbatax-il elf sitt mija u ħamsin euro (€17,650) lill-attriċi;

8. Tilqa' it-tmien talba u permezz ta' digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza, il-Qorti toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra CD a favur A B detentriċi tal-karta tal-identita' numru 141704A u uliedha, u dan taħt il-kundizzjonijiet kif elenkati f'parti numru sebgħa (7) ta' din is-sentenza;

9. Tilqa' id-disa' talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċH' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, u l-Beni Parafernali u Dotali tal-Partijiet'*; Tastjeni milli tinnomina kuratur u nutar;

10. Tilqa' l-għaxar talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha ikkontemplati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

11. Tiċħad il-ħdax-il talba fir-rigward tal-beni parafernali u dotali;

12. Tiċħad it-tnax it-talba dwar il-ħatra ta' kuratur;

13. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tlettax-il talba;

14. Tiċħad l-erbatax-il talba;

15. Il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 2594/2014, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.